**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Gunju, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 656/2013 AF**

**Perit Joseph Grech**

**vs**

**Direttur tal-Qrati u Tribunali Civili u**

**Stefan u Klaus ahwa Mifsud**

**Josephine armla ta' Victor Mifsud**

**Mark u Marika ahwa Mifsud**

**Anthony Mifsud f'ismu u bhala mandatarju ta' Mary Rose Hinder**

**Karla armla ta' Anthony Mifsud u**

**l-Avukat Chris Busietta u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Perit Joseph Grech għal ritassa, li ġie ppreżentat fl-4 ta' Lulju 2013, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Ic-citazzjoni 1129/99 JRM, giet deciza finalment anke wara ritrattazzjoni fil-25 ta' Frar 2013, saret it-taxxa u giet notifikata lilu permezz ta 'ittra tal-5 ta' Gunju 2013. Waqt illi d-dritt ta' prim'istanza kien ta' €507.81 ghar-Registru, €372.71 ghall-avukat u €124.24 ghall-prokuratur legali, fl-istadju tal-appell dan gie mgholli ghall-ammont ta' €1376 bhala dritt tal-avukat u €458.67 bhala dritt tal-prokuratur legali u dritt tar-Registru €1295.46.

Huwa manifest illi d-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali u tar-Registru ma jirrispettawx dak illi tghid it-tariffa u cioè illi d-drittijet fl-appell ikunu terz izjed maghdud ma dik tal-Prim'Awla.

Ma hemm l-ebda kwistjoni fuq it-taxxa ta' Prim'istanza, u din lanqas ma giet modifikata mir-Registru tal-Qorti, u ma hemm l-ebda raguni ghala m'ghandiex tigi osservata l-ligi dwar it-tariffa.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tordna lir-Registratur illi jaghmel taxxa mill-gdid u cioè ritassa ghal dak li jirrigwarda d-drittijiet fl-istadju tal-Appell 25 ta' Marzu 2011 tal-kawza 1129/99 JRM.

Bl-ispejjez kontra l-istess Direttur Qrati Civili u Tribunali.

Rat ir-risposta tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali, li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Ottubru 2013 fejn gie eccepit illi:

L-esponenti jirrileva illi t-taxxa in kwistjoni hija gusta u mahduma skond il-ligi u m'hemmx lok li tigi disturbata.

Bil-qima jinghad illi fir-rikors tieghu r-rikorrenti Perit Joseph Grech jilmenta mit-taxxa maghmula wara l-istadju tal-appell fejn id-dritt tar-Registru gie ntaxxat €1297.46 u d-dritt tal-Avukat €1376. Fl-ilment tieghu r-rikorrenti qed jissottometti illi la l-prim'istanza giet intaxxa ferm inqas; kull ma kellu jaghmel ir-Registratur kien li jzid terz ma dak li gie intaxxat fil-prim'istanza.

Bl-akbar rispett dan mhux korrett ghaliex kull taxxa tal-appell ma ssirx fuq il-prim istanza imma skond it-talbiet li jkun fih l-appell. Imkien fil-Ligi ma jinghad li d-drittijiet fl-appell ikunu terz izjed maghdud ma dak tal-Prim'Awla. It-Tariffa A (dik tar-Registru) u t-Tariffa E (tal-Avukati) tistipula illi ghandhom jizdiedu b'terz id-drittijiet imsemmija fil-paragrafi rispettivi u mhux jizdied b'terz dak li gie ntaxxat fil-prim'istanza.

Fil-kaz odjern il-Prim Istanza (li r-rikorrenti mhux jilmenta minnha) gie ntaxxat dritt ai termini tal-paragrafi 9(3) tat-Tariffa A fil-kaz tar-Registru u bhala punt ta' ligi fil-kaz tal-avukat, u dan peress li fit-talbiet kien hemm talba ghall-likwidazzjoni u hlas ta' Danni li ma gewx likwidati u meta l-partijiet intalbu jaghtu valur ghat-talbiet taghhom dawn baqghu ma ghamlu xejn u ghalhekk ir-Registru ghadda biex intaxxa kif intqal.

Ir-rikorrenti odjern appella billi talab riforma tas-sentenza fir-raba' u l-hames talba li jittrattaw rispettivament wahda fuq l-ezekuzzjoni ta' obbligazzjoni u l-ohra rexissjoni ta' kuntratti datati 16/6/1986 li l-valur taghhom huwa ta' Lm20,000 (€46,587). Ghaldaqstant it-taxxa li saret kienet fuq dawn iz-zewg talbiet li kellhom il-vaur imsemmi u kwindi b'applikazzjoni tat-tariffa A para 3(1) u 3(5) u tat-Tariffa E (para 13 u 38).

Ghalhekk it-taxxa kif mahduma hija gusta u skond il-ligi.

Fi kwalunkwe kaz *dato ma non concesso* li hemm lok ghal ritassa l-esponenti m'ghandux jigi kkundannat ebda spejjez stante illi huwa hadem it-taxxa skond il-prassi f'kazijiet simili u skond l-ahjar abbilità tieghu u kwinsi m'ghandux jigi akkollat ebda spejjez. Semmai f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tordna r-ritassa l-esponenti umilment jitlob illi l-ispejjez ta' din il-

procedura jkunu bla taxxa.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Avukat Kris Busietta et, li ġiet ippreżentata fis-6 ta' Frar 2014 fejn gie eccepit illi:

Preliminarjament, l-esponenti jissottomettu illi t-taxxa in kwistjoni hija korretta u inhadmet skond il-ligi u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni 'l ghaliex ghandha tigi mibdula.

Fil-kaz odjerna, fil-proceduri quddiem il-Prim'Awla dwar liema proceduri r-rikorrenti ma ressaq l-ebda ilment, id-Direttur tal-Qorti intaxxa dritt ai termini tal-paragrafi 9(3) tat-Tariffa A fir-rigward tar-Registru u bhala punt ta' ligi fir-rigward tal-Avukat u dan stante l-fatt li fit-talbiet kien hemm talba ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni li ma gewx likwidati u meta l-istess partijiet intalbu jaghtu valur ghat-talbiet taghhom, l-ebda parti ma ressaq nota u ghalhekk ir-Registru mexa bit-taxxa in kwistjoni.

Fl-appell, ir-rikorrenti talab riforma ta-ssentenza fir-raba' u l-hames talba li jirrigwardaw l-ezekuzzjoni ta' obbligazzjoni u l-ohra rexissjoni ta' kuntratti li l-valur indikat huwa ta' €46,587 ghalhekk, it-taxxa relattiva hija korretta ai termini tat-tariffa A para 3(1) u 3(5) u tat-Tariffa E (para 13 u 38).

Fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti xorta tordna li jkun hemm ritassa, l-esponenti ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet lix-xhud prodott.

Rat in-nota tas-sottomissjonijet tar-rikorrent.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda l-kalkolazzjoni tat-taxxa fir-rigward tal-kawża bin-numru **<u>1129/99JRM</u>**.

Jaċċenna għall-fatt li fir-rigward tal-istadju tal-<u>prim istanza</u>, id-dritt ġie kkalkulat hekk:

| | |
|---|---|
| Reġistru: | € 507.81 |
| Avukat: | € 372.71 |
| Prokuratur Legali: | € 124.24 |

filwaqt li fir-rigward tal-istadju tal-<u>appell</u>, id-dritt ġie kkalkulat hekk:

| | |
|---|---|
| Reġistru: | €1,297.46 |
| Avukat: | €1,376.00 |
| Prokuratur Legali: | € 458.67 |

Huwa jilmenta li dan manifestament imur kontra dak li tgħid it-tariffa, u cioè illi d-drittijiet fl-appell għandhom ikunu terz (1/3) iżjed magħdud ma' dak tal-prim'istanza. Fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu huwa jerġa' jsostni li t-taxxa fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell għandha tkun ekwivalenti għal dik likwidata fl-ewwel istanza b'żieda ta' terz (1/3) tal-istess taxxa. Jgħid li wieħed ma jistax jifhem kif jista' jkun hemm diskrepanza daqshekk konsiderevoli bejn it-taxxi taż-żewġ istanzi meta "*prattikament kull ma għamlet*" il-Qorti tal-Appell kien li kkonfermat is-sentenza appellata għajr li parti minnha f' dak il-punt kienet eżawriet ruħha. Huwa jsostni illi t-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ma nbidlux bejn il-proċeduri tal-prim istanza u dawk tal-appell "*imma kull ma ġara kien li l-Qorti tal-Appell kienet prattikament ikkonfermat l-ewwel sentenza għajr li ċaħdet ir-raba talba attriċi ukoll. Illi l-aggravji tal-appellant kienu strettament ta' natura legali, ossija r-rexissjoni tal-kuntratt u/jew l-adempjenza ma' obbligu kuntrattwali..*" Jaċċenna għall-fatt li ma ġiet likwidata l-ebda somma ġdida fl-istadju tal-appell, u l-binarji tal-kawża bl-ebda mod ma nbidlu u għalhekk jgħid illi ma jistax jifhem kif it-tassazzjoni setgħet tinbidel.

Fir-rigward tal-kalkolu ta' drittijiet f'kawza fl-appell, il-Qorti tikkonsidra illi:

Paragrafu 3(5) tat-Tariffa A[1] jgħid hekk:
*"Meta jsir appell id-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu b'terz iżda l-ebda drittijiet ma għandhom jitħallsu skont is-subparagrafu (2) ta' dan il-paragrafu."*

Paragrafu 38 tat-Tariffa E[2] jgħid hekk:
*38. Fuq appell id-drittijiet li hemm fil-paragrafi 13 sa 36 inklużi, għandhom jiżdiedu b'terz.*

Ix-xiehda ta' Emanuel Sciriha[3] (Direttur tal-Qrati u Tribunali Ċivili)**:**

> *"Qed niġi muri t-taxxa tal-kawża fl-appell u mhux tal-prim' istanza. Ir-rikors odjern jattakka t-taxxa tal-kawża fl-appell u mhux tal-prim' istanza. L-appell kien sabiex jiġu mpunjati żewġ talbiet dwar rexissjoni ta' kuntratti u t-taxxa saret fuq dawk iż-żewġ talbiet. It-taxxa f' dan il-każ tinħadem skont il-valur. Il-valur kien stabbilit mill-istess kuntratti u allura t-taxxa nħadmet normalment skont il-valur fil-kuntratti. It-talbiet kienu dwar għoxrin elf lira Maltin u t-taxxa nħadmet fuq dak l-ammont. Fl-appell it-taxxa tiżdied b'terz.*

In kontro-ezami jkompli jghid:

> *"Qed jiġi suġġerit lili illi t-talbiet fl-appell u fil-prim'istanza jkunu l-istess u jiena nispjega illi mhux dejjem għaliex jista' jkun li tkun qegħda tiġi impunjata eċċezzjoni u mhux talba. It-talbiet tar-rikorrenti fl-appell jibqgħu l-istess. F'dan il-każ it-taxxa li ħarġet fil-prim'istanza ma ġiet bl-*

---

[1] Kapitolu 12, Skeda A, Tariffa A: Drittijiet li jitħallsu rigward is-smigħ tal-kawżi fir-Reġistri tal-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati f'Malta u f'Għawdex, eskluża l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

[2] Kapitolu 12, Skeda A, Tariffa E: Drittijiet li jitħallsu lill-Avukati, Prokuraturi Legali u Kuraturi "ex officio"

[3] Xiehda ta' Emanuel Sciriha, 24 ta' Frar 2016

> *ebda mod attakkata jew mibdula. It-taxxa fl-appell qatt ma tkun b'terz miżjud mat-taxxa tal-prim'istanza għaliex tinħadem fuq it-talbiet tal-appell. Fl-appell ma jkunx hemm talbiet però aggravji."*

Jiġi osservat fl-ewwel lok illi l-istess rikorrent jgħid illi "*ma hemm l-ebda kwistjoni fuq it-taxxa tal-Prim istanza*". Ir-rikors ġuramentat qed jattakka t-taxxa fir-rigward tal-appell u mhux fir-rigward tal-prim istanza. Għalhekk għall-finijiet ta' din il-vertenza dak li jrid jipprova r-rikorrent hu li t-taxxa relattiva għall-appell inħadmet ħażin.

Jidher li r-rikorrent qed jippretendi li din kellha tkun terz (1/3) iktar mit-taxxa tal-prim'istanza u in vista tal-fatt li l-ammonti fir-rigward tal-appell huma iktar minn terz aktar ta' dawk tal-prim'istanza, huwa intavola din il-kawża odjerna.

Però kif isostnu l-intimati fir-risposti relattivi tagħhom, fejn fit-tariffi hemm stipulat li t-taxxa fl-appell għandha tiżdied b'terz dan m'għandux jinftiehem illi allura għandu sempliċiment jiżdied terz mat-taxxa tal-prim'istanza. It-taxxa tal-appell tinħadem indipendentement mit-taxxa tal-prim'istanza.

Ix-xhud Emanuel Sciriha spjega kif it-taxxa fil-każ tal-appell in kwistjoni inħadmet normalment skont il-valur tal-kuntratti in kwistjoni u skont dak li ġie mitlub f' dik l-istanza.

Jiġi osservat li r-rikorrent la talab li jiġu allegati l-atti tal-kawża 1129/99JRM u lanqas ma talab lill-intimat id-Direttur tal-Qrati u t-Tribunali li jesebixxi *breakdown* ta' kif wasal għat-taxxa tal-appell kif maħduma minnu. Anke meta għamel xi domandi lix-xhud Emanuel Sciriha in kontro-eżami, naqas li jitolbu jamplifika dwar kif saru l-kalkolazzjonijiet li wasslu għall-ammonti lamentati minnu. Huwa fl-24 ta' Frar 2016 aċċetta li l-kawża titħalla għas-sentenza fuq il-provi (o meno) li hemm.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, ladarba r-rikorrent naqas li jipprova li t-taxxa tal-appell inħadmet ħażin, din il-qorti qed tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

L-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-istess rikorrent.

IMHALLEF

DEP/REG